# Il-knisja tal-Madonna tal-Grazzja
# - Qrendi -

Kitba ta' Noel Ciantar
(mibnija fuq teżi mhux ippublikata ta' Marija Fsadni tal-2015 bl-isem
"*The Filial Churches Of Qrendi: History, Architecture And Works Of Art*")

Id-drittijiet tal-propjetà intellettwali (copyright) huma kollha miżmumin mill-awtur/i oriġinali tal-kitba u mis-sit www.kappellimaltin.com. Ikteb lil webmaster@kappellimaltin.com għall-permess biex tuża dan il-materjal.

Fil-Qrendi hemm għadd ta' kappelli żgħar, kull waħda bl-istorja u l-karatteristika tagħha. Knisja minn dawn, li tinsab ftit 'il bogħod mill-knejjes ta' San Mattew tal-Maqluba, fil-bidu tat-teglħa żgħira inti u sejjer lejn Ħaġar Qim, hija dik iddedikata lill-Madonna tal-Grazzja. Ħafna jafuha biss bl-isem imqassar "*Tal-Grazzja*".

Din il-knisja ma tantx hija mżejjna artistikament u l-ftit dekorazzjoni artistika li forsi seta' kellha fl-antik llum intilef minħabba t-telqa li waqgħet fiha. Illum l-ebda karatteristika artistika importanti m'għad fadlilha. Minħabba n-nuqqas ta' importanza li dejjem kellha, ħafna drabi kienet titħalla barra fiż-żjarat pastorali li kienu jsiru kull tant żmien u għalhekk ftit nafu fuqa min dawn it-tip ta' dokumenti.

## Oriġini

Il-knisja nbniet fl-1658. Dan nafuħ miż-żjara tal-isqof Molina tal-1678-1680. Ta' min jinnota li din il-knisja ma tissemmiex fiż-żjara tal-isqof Balaguer tal-1656 sentejn qabel. L-istess żjara tindika lil ċertu Angelus Spiteri bħala l-fundatur tagħha. Hu kien talab li jkun jista' jagħmel il-vespri u quddiesa nhar il-festi tat-Twelid tal-Madonna, ta' San Xmun, ta' San Ġuda u ta' San Ġiljan f'din il-knisja. Dawn il-festi jissemmew għad ta' drabi fil-visti pastorali li saru wara. Il-fundatur kien talab ukoll li titqaddes quddiesa kull nhar ta' Erbgħa.

Il-knisja ma tantx inbidlet minn dak iż-żmien 'l hawn u nistgħu ngħidu li baqgħet kważi kif kienet meta nbniet. Id-deskrizzjoni tagħha li ta l-isqof Cocco Palmieri fir-rapport tiegħu taż-żjara li kien għamel fl-1685-1687 tista' tgħid li qisu kien qed jiddeskrivi l-knisja li naraw illum. Fi żjara oħra fl-1709, Cocco Palmieri ordna li kellu jissewwa s-saqaf u li l-knisja kellha titbajjad. Dan juri li l-knisja xi ftit jew wisq setgħet kienet intelqet xi ftit u li kienet ġarbet xi ħsarat.

Dokumentazzjoni aktar minn hekk ma jidhirx li teżisti u essenzjalment kollox baqa' kif kien dak in-nhar sal-lum.

**Il-knisja minn barra**

Il-knisja għandha l-karatteristiċi ta' kinsja tipika rurali tal-epoka. Hija mibnija fuq zuntier li titla' għalih minn żewġ tarġiet. Fin-nofs tal-faċċata hemm bieb rettangolari, imdawwar minn gwarniċ sempliċi kwadru u lixx tal-ġebel li ukoll titla' għalih minn żewġ tarġiet oħrajn. Fuq kull naħa tal-bieb hemm tieqa kwadra imbarrata b'vireg tal-ħadid. Quddiem kull tieqa hemm ċangun tal-ġebel sabiex wieħed kien ikun jista' joqgħod għarkobtejh biex jinviżta s-sagrament anke meta l-knisja tkun magħluqa. Dawn it-twieqi wkoll huma mdawwrin bi gwarniċ sempliċi tal-ġebel.

Fuq il-bieb prinċipali hemm faxx ta' ġebel jisporġi 'l barra mill-faċċata li jservi kemm ta' disinn sempliċi kif ukoll ta' lqugħ rudimentari għall-bieb mix-xita. Fuqu, Imbagħad, hemm tieqa żgħira kwadra ("*oculos*") li sservi biex tagħti d-dawl lill-knisja. Is-saqaf, *minn barra* ġej ftit għal ponta u fl-*apiċe* tiegħu fil-faċċata hemm salib żgħir tal-ġebel li hu l-unika tiżjin li għandha din il-knisja. Mill-ħitan tal-ġnub hemm ħerġin żewġ imwieżeb fuq kull naħa li jintużaw biex ibegħdu l-ilma tax-xita mill-ħitan tal-knisja biex jipproteġihom mill-ħsara.

**Il-knisja minn ġewwa**

Wieħed ma jridx jitqarraq meta jara l-għamla tas-saqaf ġejja bil-ponta meta jħares lejn din il-knisja minn barra għax minn ġewwa, il-knisja għandha

saqaf troll. Gwarniċun sempliċi jdawwar is-saqaf fejn dan imiss mal-ħitan li jerfgħuh. Il-knisja għandha għamla rettangolari b'qisien madwar is-seba' metri tul u ħames metri wisgħa.

Il-knisja għandha altar wieħed li hu ddekorat b'mod sempliċi b'tinqix fil-ġebla. L-altar qiegħed mgħolli mill-presbiterju b'żewġ tarġiet u hu ddekorat b'salib żgħir imnaqqax fil-ġebel fin-nofs tieħu li hu imbagħad imdawwar b'medaljun tond tal-ġebel. In-naħa ta' fuq tal-altar hija mżejna b'dekorazzjoni forma ta' skroll. Dawn huma l-uniċi tiżjin oriġinali li għad fadal. Illum hemm altar tal-injam quddiem l-altar tal-ġebel li jgħatti ftit jew wisq l-altar u d-dekorazzjonijiet oriġinali. Fuq l-altar tal-ġebel hemm skanell u tabernaklu tal-injam li jidher li li ukoll għandhom bżonn ta' restawr sew. Fuq il-lemin tal-altar hemm niċċa żgħira imħaffra fil-ħajt li possibbilment kienet isservi bħala tabernaklu.

Fuq in-naħa ta' wara tal-knisja hemm żewġ fontijiet sempliċi tal-ilma mbierek li jisporġu mill-ħajt, wieħed fuq kull naħa tal-bieb tal-knisja. Fuq wara wkoll, fuq il-ħajt tax-xellug, hemm armarju żgħir mibni ġo fetħa fil-ħajt, liema armarju jinqafel b'bieba tal-injam. Dan l-armarju kien semmieh l-isqof Cocco Palmieri fiż-żjara li kien għamel fl-1686 fejn kien qal li dan l-armarju kien jinqafel bi żbarra tal-ħadid u kienu jinżammu fih il-paramenti sagri u ħwejjeġ oħra tal-liturġija meta ma kinitx tkun qed issir il-quddiesa.

## It-titular

Bħalma diġà għidna, m'għad fadal xejn opri tal-arti oriġinali f'din il-knisja. Iżda fl-fl-1967 il-Prof. Mario Buhagiar kien ħa ritratt *black and white* ta' dak li kien it-titular ta' din il-knisja. Dan ir-ritratt hu fil-kollezjoni ta' *Heritage Malta* u qed nirriproduċuh mit-teżi tas-sinjorina Fsadni li qed nisiltu din il-kitba minnha. Illum, minflok, hemm stampa tal-Madonna bil-Bambin fuq sfond pastorali iżda din m'għandha xejn x'taqsam ma' din il-knisja.

It-titular li qed insemmu jidher li kien l-unika biċċa xogħol atristika li qatt kellha l-knisja, għax ma hemm l-ebda pittura oħra imsemmija jew deskritta fi żjajjar pastorali jew dokumenti storiċi oħrajn. It-titular huwa xogħol tas-

seklu sbatax li kien juri 'l Madonna bil-Bambin, San Ġiljan il-Konfessur u San Xmun l-Appostlu. Dan il-kwadru kien deskritt mill-isqof Cocco Palmieri meta għamel iż-żjara tiegħu fl-1656. Artistikament, dan il-kwadru mhux ta xi preġju kbir u l-artist uża t-tekinika li kienet tipikament tintuża fis-seklu sbatax u qassam ix-xogħol f'forma ta' piramidi, bil-Madonna fuq in-naħa ta' fuq u ż-żewġ qaddisin fin-naħa t'isfel, wieħed fuq kull naħa. Jidher li darba kien hemm ukoll kurċifiss tal-kartapesta li issemma' fl-1679 meta kien żar il-knisja l-isqof Molina.

**Il-knisja llum**

Minkejja li l-knisja kien sarilha restawr bejn l-2006 u l-2007, illum reġgħet tinsab mitluqa u reġa' għandha bżonn tiswija. Kemm is-saqaf tagħha kif ukoll l-art huma f'qagħda ħażina ħafna. L-ilma jidħol fil-knisja, probabbli mis-saqaf, li bdew jikbru fuqu xi pjanti. Fuq is-saqaf minn-ġewwa, l-umdità qed tikkawża l-moffa li qed tikber fuqu. It-tieqa ta' fuq il-bieb qed titħalla mifuħa sabiex tiċċirkola ftit l-arja iżda qed jidħlu wkoll għasafar fil-knisja li qed iżidu mal-ħsara li diġà fiha.

Illum il-knisja qed isservi bħala maħżen tal-ħwejjeġ li m'għadx hemm bżonnhom fil-knisja parrokjali. Fiha intefgħu xi ġinokkjaturi qodma, altar tal-injam, konfessinarju kif ukoll orgni antik li qed jiddeterjoraw minħabba t-telqa u n-nuqqas ta' manutenzjoni li hemm fil-knisja. J'Alla li din il-knisja xi ħadd jerġa' jieħu ħsiebha u li reġa' tara żminijiet aħjar.